

31989L0398

30.6.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 186/27

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Mejju 1989

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari

(89/398/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 77/94/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 85/7/KEE <sup>(5)</sup>, ġiet emendata f'numru ta' okkażjonijiet; billi, fl-okkażjoni ta' emendi ġodda, l-imsemmija Direttiva għandha, għal raġunijiet ta' kjarifika, tinkiteb mill-ġdid;

Billi l-adozzjoni tad-Direttiva 77/94/KEE kienet ġustifikata mill-fatt li d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar l-oġġetti ta' ikel għal użu ta' nutriment partikolari fixklu l-moviment liberu tagħhom, jista' jkun li kkawżat kondizzjonijiet mhux ugwali ta' kompetizzjoni u għalhekk kellha impatt dirett fuq l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali tippresupponi, fl-istadju inizjali, it-thejjja ta' definizzjoni komuni, id-determinazzjoni ta' miżuri li jippermettu lill-konsumatur li jkun protett kontra frodi dwar in-natura ta' dawn il-prodotti u l-adozzjoni tar-regoli li għandhom jiġu mħarsa fl-ittikkettjar tal-prodotti in kwistjoni;

Billi l-prodotti koperti b'din id-Direttiva huma oġġetti ta' l-ikel li l-komposizzjoni u thejjja tagħhom għandha tkun maħsuba speċifikament biex tilħaq il-ħtiġiet ta' nutriment partikolari tal-persuni li għalihom huma prinċipalment maħsuba; billi jista' jkun meħtieġ, għalhekk, li jiġu provduti derogi għad-dispożizzjonijiet ġenerali u speċifiċi applikabbli għall-oġġetti ta' l-ikel biex jinkiseb l-oġġettiv speċifiku ta' nutriment;

Billi, għalkemm oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari li huma s-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi jistgħu jkunu monitorjati b'mod effiċjenti fuq il-bażi tar-regoli ġenerali għall-immonitorjar tat-tipi kollha ta' oġġetti ta' l-ikel,

dan mhux dejjem ikun il-każ għal dawk l-oġġetti ta' l-ikel li dwarhom ma jeżistu ebda dispożizzjonijiet speċifiċi;

Billi għal dawn ta' l-aħħar il-mezzi normalment disponibbli għall-korpi li jimmonitorjaw jistgħu f'ċerti każi ma jippermettulhomx li jverifikaw jekk oġġett ta' l-ikel attwalment għandux il-karatteristiċi ta' nutriment partikolari attribwiti lilu; billi huwa meħtieġ għalhekk li jiġi provdut illi, l-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' dak l-oġġett ta' l-ikel għandha tgħin lill-korp ta' monitorjar fit-twettiq ta' l-attivitajiet tiegħu;

Billi l-istat preżenti ta' l-iżvilupp tar-regoli tal-Komunità dwar addittivi jfisser li mhux possibbli, fil-qafas ta' din id-Direttiva, li jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' addittivi f'oġġetti ta' ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari jekk ma jkunux jagħmlu parti minn wieħed mill-gruppi msemmija f'Anness I; billi din il-kwistjoni għandha għalhekk tiġi eventwalment rieżaminata;

Billi t-thejjja ta' Direttivi speċifiċi li jimplementaw il-prinċipji bażiċi tar-regoli tal-Komunità u l-emendi għalihom jimplementaw miżuri ta' natura teknika; billi l-adozzjoni tagħhom għandha tkun fdata lill-Kummissjoni biex tiġi simplifikata u mħaffa l-proċedura;

Billi fil-każijiet kollha fejn il-Kunsill jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li timplimenta regoli dwar oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum tal-bniedem, għandha ssir dispożizzjoni għall-proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel, stabbilita bid-Deċiżjoni 69/414/KEE <sup>(6)</sup>;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax il-limiti ta' żmien li fih l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 77/94/KEE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tikkonċerna oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari.

<sup>(1)</sup> ĠU Ċ 124, tat-23.6.1987, p. 7. ĠU Ċ 161, tad-19.4.1988, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU C 99, tat-13.5.1987, p. 54. u ĠU C 120, tas-16.5.1989,

<sup>(3)</sup> ĠU C 328, tat-22.12.1986, p. 9.

<sup>(4)</sup> ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 55.

<sup>(5)</sup> ĠU L 2, tal-3.1.1985, p. 22.

<sup>(6)</sup> ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.

2. (a) Oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari li, minħabba l-komposizzjoni speċjali jew proċess ta' manifattura tagħhom, jintagħrfu b'mod ċar minn oġġetti ta' l-ikel għall-konsum normali, li huma adattati għall-għanijiet tagħhom ta' nutriment skond kif dikjarati u li huma mqiegħda fis-suq b'dak il-mod li jindikaw dik l-adattabilità.

(b) Użu ta' nutriment partikolari għandu jikkonforma mal-ħtiġiet ta' nutriment partikolari:

(i) ta' ċerti kategoriji ta' persuni li l-proċessi diġestivi jew il-metaboliżmi tagħhom huma disturbati; jew

(ii) ta' ċerti kategoriji ta' persuni li huma f'kondizzjoni psikoloġika speċjali u li huma għalhekk kapaċi li jkisbu benefiċċju speċjali mill-konsum kontrollat ta' ċerti sustanzi fl-oġġetti ta' l-ikel; jew

(iii) ta' trabi jew tfal żgħar b'saħħithom.

#### Artikolu 2

1. Il-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1(2)(b) (i) u (ii) jistgħu jiġu karatterizzati bħala 'dijetetiċi' jew 'tad-dieta'.

2. Fl-ittikkettjar, preżentazzjoni u reklamar ta' oġġetti ta' l-ikel għall-konsum normali dan li ġej għandu jkun projbit:

(a) l-użu ta' l-aġġettivi 'dijetetiku' jew 'tad-dieta' jew weħidhom jew ma' kliem ieħor, biex jiddeskrivu dawn l-oġġetti ta' l-ikel;

(b) l-immarkar l-ieħor kollu jew kull preżentazzjoni li x'aktarx jagħtu l-impressjoni li wieħed mill-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1 ikun involut.

3. Iżda, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 13, għandu jkun possibbli għal oġġetti ta' l-ikel għall-konsum normali li huma adattati għal użu ta' nutriment partikolari li tiġi indikata dik l-adattabilità.

L-imsemmija dispożizzjonijiet jistgħu jniżżlu l-arranġamenti għall-indikazzjoni ta' dik l-adattabilità.

#### Artikolu 3

1. In-natura jew komposizzjoni tal-prodotti li għalih jirreferi Artikolu 1 għandha tkun tali li l-prodotti jkunu adattati għal użu maħsub ta' nutriment partikolari.

2. Il-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1 għandhom ukoll jikkonformaw ma' kull dispożizzjoni mandatarja applikabbli għall-oġġetti ta' l-ikel għall-konsum normali, ħlief fir-

rigward ta' bidliet magħmula lilhom biex tiġi żgurata l-konformità mad-definizzjonijiet mogħtija f'Artikolu 1.

#### Artikolu 4

1. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-gruppi ta' ikel għal użu ta' nutriment partikolari li jidhru f'Anness I għandhom ikunu provduti permezz ta' Direttivi speċifiċi.

Dawk id-Direttivi speċifiċi jistgħu jkopru b'mod partikolari:

(a) ħtiġiet essenzjali fir-rigward tan-natura jew komposizzjoni tal-prodotti;

(b) dispożizzjonijiet dwar il-kwalità ta' materja prima;

(ċ) ħtiġiet ta' iġjene;

(d) bidliet permessi skond it-tifsira ta' Artikolu 3(2);

(e) lista ta' l-addittivi,

(f) dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar;

(g) proċeduri ta' kampjunar u metodi ta' l-analiżi meħtieġa għall-verifikazzjoni tal-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttivi speċifiċi.

Dawk id-Direttivi speċifiċi għandhom jiġu adottati:

— fil-każ tal-punt (e), mill-Kunsill waqt li jaġixxi skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 100a,

— fil-każ tal-punti l-oħra, skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 13,

Dispożizzjonijiet li x'aktarx ikollhom effett fuq is-saħħa pubblika għandhom jiġi adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel, imwaqqaf bid-Deċizzjoni 74/234/KEE (<sup>1</sup>).

2. Lista tas-sustanzi b'għanijiet speċifiċi ta' nutriment bħall vitamini, melħ minerali, *amino acids* u sustanzi oħra maħsuba li jiżdiedu ma' oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari, flimkien mal-kriterji ta' purità applikabbli għalihom, u, fejn xieraq, il-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jintużaw, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 13.

#### Artikolu 5

Kondizzjonijiet li taħthom referenza tista' ssir għall-ittikkettjar, preżentazzjoni u reklamar għal xi dieta jew għal xi kategorija ta' persuna li dwarha prodott li għalih jirreferi Artikolu 1 huwa maħsub jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura provduta f'Artikolu 13.

(<sup>1</sup>) ĠU L 136, ta' l-20.5.1974, p. 1.

## Artikolu 6

1. It-tikkettjar u metodi ta' ittikkettjar użati, il-preżentazzjoni u reklamar tal-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1 m'għandux jattribwixxi karatteristiċi għall-prevenzjoni, trattament jew kura ta' mard uman għal dawk il-prodotti jew implika dawk il-karatteristiċi.

Derogi għall-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu provduti skond il-proċedura provduta f'Artikolu 13 f'każi eċċezzjonali u definiti b'mod ċar. Id-derogi jistgħu jitkomplew sakemm dik il-proċedura titlesta.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni d-disseminazzjoni ta' xi tagħrif utili jew rakkomandazzjonijiet esklużivament maħsuba għall-persuni li jkollhom kwalifiki fil-mediċina, nutriment jew farmaċija.

## Artikolu 7

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-ittikkettjar, preżentazzjoni jew reklamar ta' oġġetti ta' l-ikel<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/395/KEE<sup>(2)</sup>, għandha tapplika għall-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1, taħt il-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt.

2. Id-deskrizzjoni li taħtha prodott jinbiegħ għandha tkun akkumpanjata b'indikazzjoni tal-karatteristiċi ta' nutriment partikolari; iżda, fil-każ ta' prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1(2)(b) (iii), din ir-referenza għandha tinbidel b'referenza għall-iskop li għalih kienu maħsuba.

3. It-tikkettjar ta' prodotti li għalihom ebda Direttiva speċifika ma tkun ġiet adottata skond Artikolu 4 għandha tinkludi wkoll:

(a) l-elementi partikolari tal-komposizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva jew il-proċess speċjali ta' manifattura li jagħti lill-prodott il-karatteristiċi speċjali ta' nutriment;

(b) il-valur ta' enerġija disponibbli espress f'kilojoules u kilokaloriji u l-karboidrati, proteini u kontenut ta' xaħam kull 100 gramma jew 100 millilitru tal-prodott kif imqiegħed fis-suq u, fejn xieraq, kull kwantità speċifikata tal-prodott kif propost għall-konsum.

Jekk, iżda, l-valur ta' enerġija jkun anqas minn 50 kilojoules (12 kilokaloriji) kull 100 gramma jew 100 millilitru tal-prodott kif imqiegħed fis-suq, dawn il-partikolaritajiet jistgħu jiġu mibdula jew bil-kliem 'valur ta' enerġija anqas minn 50 kilojoules (12 kilokaloriji) kull 100 gramma' jew bil-kliem 'valur ta' enerġija anqas minn 50 kilojoules (12 kilokaloriji) kull 100 millilitru'.

4. Il-ħtiġiet partikolari għall-ittikkettjar ta' dawk il-prodotti li dwarhom Direttiva speċifika tkun ġiet adottata għandhom jtniżżlu fdik id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

## Artikolu 8

1. Il-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1 għandhom ikunu permessi biss fis-suq tal-bejgħ bl-imnut jew f'forma f'imballaġġ minn qabel, u l-imballaġġ għandu jkopri l-prodotti kollha kemm huma.

2. L-Istati Membri jistgħu, iżda, jippermettu derogi minn dawn id-dispożizzjonijiet għall-iskopijiet tan-negozju bl-imnut b'dan illi l-prodott ikun akkumpanjat bil-partikolaritajiet li għalihom jipprovdi Artikolu 7 fiż-żmien li jitqiegħed għall-bejgħ.

## Artikolu 9

Biex jiġi permess l-immonitorjar effiċjenti uffiċjali ta' l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari li ma jkunux jagħmlu sehem minn wieħed mill-gruppi ta' prodotti elenkati f'Anness I id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw:

1. Meta prodott kif msemmi hawn fuq jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba il-manifattur jew, fejn prodott huwa manifatturat fi Stat terz, l-importatur, għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq billi jibgħatlu mudell tat-tikketta wżata għall-prodott.

2. Meta l-istess prodott sussegwentement jitqiegħed fis-suq ta' Stat Membru ieħor il-manifattur jew, fejn japplika, l-importatur, għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru bl-istess tagħrif, flimkien ma' indikazzjoni tar-riċevitur ta' l-ewwel notifikazzjoni.

3. Fejn meħtieġ, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-manifattur jew, fejn japplika, lill-importatur, li jipproduċi x-xogħol xjentifiku u t-tagħrif li jstabbilixxi l-konformità tal-prodott ma' l-Artikolu 1(2) flimkien mat-tagħrif li għalih jipprovdi Artikolu 7(3)(a). Jekk dak ix-xogħol ikun jinstab f'pubblikazzjoni faċilment disponibbli, referenza biss għal dik il-pubblikazzjoni għandha tkun biż-żejjed.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni l-identità ta' l-awtoritajiet kompetenti skond it-tifsira ta' dan l-Artikolu u kull tagħrif ieħor utili dwarhom.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan it-tagħrif fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura provduta f'Artikolu 13.

5. Erba'snin wara n-notifikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, akkumpanjat, fejn meħtieġ, bil-proposti adattati.

### Artikolu 10

1. L-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet li jirrelataw mal-komposizzjoni, speċifikazzjonijiet ta' manifattura, preżentazzjoni jew tikkettjar, jipprojbixxu jew jirrestrinġu kummerċ fil-prodotti li għalihom jirreferi Artikolu 1 li jikkonformaw ma' din id-Direttiva u fejn japplika, mad-Direttivi adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Il-paragrafu 1 m'għandux jiffettwa d-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma applikabbli fin-nuqqas ta' Direttivi adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

### Artikolu 11

1. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet dettaljati biex jistabbilixxi li oġġett ta' l-ikel maħsub għal użu ta' nutriment partikolari li ma jkunx jagħmel sehem minn wieħed mill-gruppi elenkati f'Anness I ma jkunx jikkonforma ma' Artikolu 1(2) jew jipperikola saħħet il-bniedem għalkemm ikun f'ċirkolazzjoni ħielsa fi Stat Membru wieħed jew aktar, dak l-Istat Membru jista' temporanjament jissospendi jew jirrestrinġi n-negozju f'dak il-prodott fit-territorju tiegħu. Għandu minnufih javża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan waqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.
2. Il-Kummissjoni għandha teżamina kemm jista' jkun malajr ir-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru konċernat, tikkonsulta ma' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-ikel, u għandha mbagħhad tagħti l-opinjoni tagħha mingħajr dewmien u tieħu l-miżuri xierqa.
3. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li l-miżura nazzjonali għandha titneħħa jew tiġi modifikata, għandha tibda l-proċedura mniżżla f'Artikolu 13 għall-adozzjoni tal-miżuri xierqa.

### Artikolu 12

1. Meta Stat Membru, bħala rizzultat ta' xi tagħrif ġdid jew minħabba stima mill-ġdid tat-tagħrif eżistenti magħmula minn mindu waħda mid-Direttivi speċifiċi kienet adottata, ikollha raġunijiet dettaljati biex tistabbilixxi li oġġett ta' l-ikel maħsub għal użu ta' nutriment partikolari ikun jipperikola saħħet il-bniedem għalkemm ikun jikkonforma mad-Direttiva speċifika rilevanti, dak l-Istat Membru jista' temporanjament jissospendi jew jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni fit-territorju tiegħu. Għandu minnufih javża lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan waqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.
2. Il-Kummissjoni għandha teżamina kemm jista' jkun malajr ir-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru konċernat, tikkonsulta ma' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-ikel, u għandha mbagħhad tagħti l-opinjoni tagħha mingħajr dewmien u tieħu l-miżuri xierqa.
3. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li emendi għal din id-Direttiva jew għal xi Direttivi speċifiċi jkun meħtieġa biex tirrimedja d-diffikultajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u biex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa umana, għandha tibda l-proċedura provduta f'Artikolu 13 biex tadotta dawk l-emendi. L-Istati Membri li jkun adottaw miżuri ta' salvagwardja jistgħu f'dak il-każ iżommuhom sakemm l-emendi jkun ġew adottati.

### Artikolu 13

Fejn il-proċedura provduta f'dan l-Artikolu għandha tiġi segwita, il-President għandu jirreferi l-materja lill-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat', jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' xi Stat Membru.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-Opinjoni tiegħu dwar l-abbozz flimitu ta' żmien iffissat mill-President wara li jkun ingħata kont ta' l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza mniżżla f'Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu mwieżna bil-mod imniżżel f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba meta dawn ikunu skond l-Opinjoni tal-Kumitat.

Fejn il-miżuri maħsuba ma jkun skond l-Opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tibgħat lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, wara li jgħaddu tliet xhur minn meta l-materja tintbagħat lill-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

### Artikolu 14

Id-Direttiva 77/94/KEE hija b'dan imħassra.

Kull referenza għad-Direttiva mħassra għandha tiftiehem bħala referenza għal din id-Direttiva u għandha tinqara skond it-tabella ta' korrelazzjoni mniżżla fit-Taqsima A ta' Anness II.

### Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jemendaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom b'dak il-mod illi:

— jippermettu n-negozju fi prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mis-16 ta' Mejju 1990,

— jipprojbixxu n-negozju fi prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mis-16 ta' Mejju 1990,

Għandhom javżaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jeffettwa d-dispożizzjonijiet nazzjonali li fin-nuqqas tad-Direttivi li għalihom jirreferi Artikolu 4 japplikaw għal ċerti gruppi ta' oġġetti ta' ikel maħsuba għal użu ta' nutriment partikolari.

*Artikolu 16*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1989.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. SOLBES

## ANNEX I

**Gruppi ta' ikel għal użu ta' nutriment partikolari li dwarhom dispożizzjonijiet speċjali għandhom jitniżżlu b'Direttivi speċifiċi<sup>(1)</sup>**

1. Formuli tat-trabi
2. Ħalib tal-prosegwiment u ikel ieħor tal-prosegwiment
3. Ikel tat-trabi
4. Ikel b'enerġija baxxa u enerġija mnaqqsa maħsuba għall-kontroll tal-piż
5. Ikel ta' dieta għal skopijiet mediċi speċjali
6. Ikel b'sodju baxx, inkluż melħ tad-dieta b'sodju baxx jew ħieles mis-sodju
7. Ikel ħieles mill-gluten
8. Ikel maħsub biex jilħaq il-ħala ta' sforz muskolari intens, speċjalment għall-isportivi
9. Ikel għall-persuni li jbatu minn diżordnijiet ta' karboidrati fil-metaboliżmu (dijabete)

(<sup>1</sup>) Huwa miżmum li prodotti diġà fis-suq meta din id-Direttiva tiġi adottata m'għandhomx jiġu effettwati biha.

## ANNEX II

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 77/94/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2)	Artikolu 2(2)
Artikolu 1(3)	—
Artikolu 2(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 2(2) l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2) it-tieni subparagrafu	—
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(4)	Artikolu 2(3)
Artikolu 3	Artikolu 3(2)
—	Artikolu 4
Artikolu 4(1)	Artikolu 6(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 5
Artikolu 4(3)	Artikolu 6(2)
Artikolu 5(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 5(2) il-punt (a)	Artikolu 7(2)
Artikolu 5(2) il-punti (b) u (ċ)	Artikolu 7(3) il-punti (a) u (b)
Artikolu 5(2) il-punt (d)	—
Artikolu 5(2) il-punt (e)	Artikolu 7(4)
Artikolu 5(3)	—
Artikolu 6	Artikolu 8
—	Artikolu 9
Artikolu 7(1)	Artikolu 10(1)
—	Artikolu 10(2)
Artikolu 7(2)	—
Artikolu 8	—
—	Artikolu 11
—	Artikolu 12
Artikolu 9	Artikolu 13
Artikolu 10	—
Artikolu 11	—
—	Artikolu 14
Artikolu 12	Artikolu 15
Artikolu 13	Artikolu 16
—	L-Anness I